

# Tislima lis-Sur Ġużeppi Grech (1922 - 2002)

**President Onorarju għal l-Għomru Każin Santa Marija**

## "Kif niftakar lil Ġużeppi jien"

Kitba u ritratti Victor B. Caruana

■ Is-Sur Ġużeppi Grech, il-fundatur tal-Paramount Garages tal-Mosta, miet nhar il-Ħadd, 6 ta' Ottubru 2002 fis-6.00 a.m. Huwa miet fl-isptar San Luqa fl-età ta' 79 sena. Ftit jiem wara kien se jagħlaq 80 sena għax kien twieled fis-26 ta' Ottubru 1922. Jien kont ħabib ħafna miegħu, billi kont niġbidlu r-ritratti ta' xarabanks u karozzi li kien jixtri, barra diversi okkażjonijiet familjari oħra. Kien dejjem jitbissem u jiċċajta. Rari kont tarah jirrabja. Huwa kien iħobb ħafna l-Mosta, ir-Rotunda u lil Santa Marija.

Missieru kien Leone minn Ħaż-Żebbuġ u ommu Giovanna nèe Buhagiar. Huwa kellu tliet ħutu oħra, Żaren, Costanzo u Caterina. Il-ġenituri tiegħu kellhom xewqa kbira li jidħol skrivan it-Tarzan. Għalhekk kienu jibagħtuh jitgħallem fi skola magħrufa f'Bormla minn fejn kienu jilħqu bosta apprendisti.

Iżda malli faqqgħet il-Gwerra nbidlu l-pjanijiet kollha. Missieru tah it-trakk tiegħu u Ġużeppi beda jaqdef għal rasu. Huwa beda jixtri u jbigħ xgħir u qamħ u anki ħarrub u jerġa' jbigħu. Imbagħad beda jqassam il-provisti ta' l-ikel fil-ħwienet bis-sistema msejħa 'tar-ration', billi l-ikel kien skars. Kollox kien immexxi mill-Protection Office.

Dan baqa' jagħmlu għal xi żmien anki wara li kien beda jarma' bil-karozzi tal-linja. Jien dan niftakru tajjeb għax kont, meta kien għadni tifel, ilħaqtu dejjem iġorr bit-trakk bil-kabina ħamra u l-kaxxa ħadra. Ħuh Żaren kellu maħżen kbir fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, ftit passi 'l bogħod minn fejn kont nitrabba jien. Dan kien propju minflok fejn illum hemm ir-Roll In Pastizzerija. F'dan il-post kien hawn ukoll il-Marvic Ironmongery. Dan il-maħżen kbir kien jinfed għal maħżen ieħor kbir minn wara fi Triq Gafà.

### Il-ftuħ tal-Paramount Garage

Ftit qabel ma spiċċat il-gwerra huwa xtara l-ewwel xarabank li kienet taħdem fuq ir-rotta ta' Bormla bin-numru 3217. Wara din xtara oħra bin-numru 3252. Dawn jien ma niftakarhomx iżda dawn in-numri baqgħu jintirtu fuq diversi xarabanks oħra li kellu, l-aktar it-3252. Jien ġbidt diversi ritratti ta' xarabanks b'dan in-numru li llum jinsabu fl-uffiċċji tal-Paramount Garage.

Fl-1944-45, huwa bena l-Paramount Garage fi Triq il-Kostitutzzjoni. Dak iż-żmien kienu jidhru kbar għax kien għadhom vojta. Iżda Ġużeppi kien dejjem iħares 'il quddiem. Illum il-Paramount Garages tista' tgħid għandhom l-akbar flotta ta' mezzi tat-trasport f'Malta. Tant li żdiedu garages oħra n-naħa l-oħra tat-triq. Dan l-aħħar snin inbnew oħrajn ġodda fi Triq il-Fortizza. Jekk niftakar tajjeb ħafna n-numru 3252, niftakar wisq aktar tajjeb in-numru 208.

### L-ewwel 'Private Bus'

L-ewwel 'private' li kellu Ġużeppi kienet it-208. Missieri għamel żmien twil ġej u sejjer biha flimkien mal-ħaddiema minn u lejn it-Tarzan. Jien min jaf kemm irkibtha lejn is-Seminarju tal-Furjana. Kien isuqha Ninu Deguara minn Burmarrad, u kien raġel tassew twajjeb. It-3252 kienet tintuża ħafna bħala 'Private' u fit-38 sena li għamilt għalliem San Pawl il-Baħar min jaf kemm ħaditna cultural tours, science field studies u sports day meetings.

It-208 iġġibli memorji sbieħ ta' madwar ħamsin sena ilu, meta kien għadni tifel. Tfakkarni ta' kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar meta ommi, iz-zija u n-nanna, flimkien ma' ħafna nisa oħra, kollha bit-tfal, kienu jistennewha fil-pjazza biex imorru jgħidu r-Rużarju fil-Knisja ta' Sant' Agata ir-Rabat. Niftakar tajjeb li konna niġġennu għall-pastizzi li kienu jixtrulna wara minn hemm.

It-208 tfakkarni wkoll f'xi xalata għall-Buskett jew xi ġurnata baħar li kien joħodna spiss Dun Anġ ta' l-Oratorju. Ta' tfal li konna, konna nippruvaw naqtgħu n-numru tal-'private' li kienet se tiġi għalina. Ma tantx kellna f'hiex nitfixklu għax jew it-208 jew is-602 ta' Toni Vassallo li wkoll kien jieħu paċenzja kbira bina.

### Karmnu Vella

Billi minħabba r-ritratti kont ġej u sejjer il-Paramount Garage, barra milli kont spiss immur inħallas il-kontijiet ta' xi ħarġa tat-tfal ta' San Pawl il-Baħar, kont naf il-ħaddiema u x-xufiera kważi kollha. Fost dawn kollha l-aktar li bqajt niftakar huwa Karmnu Vella li kien u għadu joqgħod fl-istess triq erba' passi 'l bogħod mill-Paramount Garage.

Dan Karmnu kien ħobża u sikkina ma' Ġużeppi u dan bir-raġun għax it-tnejn kienu ffissati fuq il-kaċċa u l-gamiem. Dan Karmnu u anki uliedu s-subien kienu magħrufa ħafna għall-isparar fuq il-plattini u min jaf kemm ġbidtilhom ritratti b'diversi trophies.

### Ġużeppi Grech bħala 'licencee' tas-St. Mary Fireworks Factory

Ġużeppi mhux biss kien iħobb il-festi iżda kien iħobb ħafna l-logħob tan-nar. Fis-6 ta' Ġunju 1958 fil-5.30 p.m. kien seħħ inċident fil-kamra tan-nar tal-Mosta, is-St. Mary Fireworks Factory, li kienet wara l-Gerald Creasy Football



Club. Il-kamra kienet inqerdet għal kollox u kienu tilfu ħajjithom żewġ dilettanti tan-nar Mostin, Fedele Camilleri u Toni Sant.

Din il-kamra kienet propjetà ta' Pawlu Sant. Din reġgħet inbniet mill-ġdid u billi Pawlu kien anzjan ġmielu xtaq ibiegħha. Ġużeppi li dejjem kellu x-xewqa li jkun hawn post fejn il-Mostin jaħdmu n-nar għall-festa, mill-ewwel xtraha u dawwar il-permessi kollha għal fuqu. Fl-1970 huwa dawwar dawn l-istess permessi fuq Alfred Magri. Maż-żmien beda tiela' l-bini madwar din il-kamra u din kella tieqaf tiffunzjona fl-1976.

### Sehem Ġużeppi fil-festi ta' l-Inkurunazzjoni (1975)

Wara l-artal maġġur tar-Rotunda, fuq l-artal tal-kor, hemm il-kwadru titutlari ta' Marija mtellgħa s-Sema. Dan oriġinarjament kien sar minn Baskal Buhagiar fl-1678 għall-knisja l-qadima. Għall-ħabta ta' l-1860 dan ġie rrestawrat u mkabbar minn Salvatore Barbara sabiex ikun jista' jitpoġġa fir-Rotunda li kien għadha kif inbniet. Minn dak iż-żmien 'l hawn ġie rrestawrat diversi drabi.



Ġużeppi Grech waqt l-iffirmar tal-kuntratt ta' l-inkurunazzjoni

Minn dejjem kienet ix-xewqa li dan il-kwadru jiġi nkurunat. Iżda din ix-xewqa fl-aħħar bdiet tidher li kellha issir realtà. F'Novembru 1973, Dun Bert Bezzina, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, ressaq petizzjoni għal dan il-għan quddiem l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Dan mhux biss aċċetta, iżda ressaqha personalment quddiem il-Papa Pawlu VI.

l-Arċipriet Dun Bert Bezzina ġie mgħarraf li din it-talba ġiet milqugħa mill-Q.T. il-Papa Pawlu VI f'dokument tal-Vatikan maħruġ f'Diċembru 1973. Ġie mwaqqaf kumitat biex jieħu ħsieb il-festi esterni taħt il-presidenza tal-W.R. Arċipriet Dun Bert Bezzina. Hawnhekk is-Sur Ġużeppi Grech daħal b'ruħu u ġismu fl-organizzazzjoni ta' dawk il-festi li kellhom isiru qabel u aktar u aktar f'dik il-ġurnata ta' l-Inkurunazzjoni fl-10 ta' Awissu 1975.

Is-Sur Ġużeppi Grech kien viċi-president u delegat għal-logħob tan-nar. Il-membri ta' dan il-kumitat kollha ħadmu ferm iżda Ġużeppi ta sehem kbir fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi f'dawk is-sena u nofs li kien fadal. Għal dawn il-festi kien inħadem nar ta' l-ajru mill-membri tas-St. Mary's Fireworks Factory, mill-grupp imsejjaħ 'Ta' Gerit', u minn Salvu Galea. Dawn kollha kienu Mostin iżda dak iż-żmien, għal kuntrarju tal-lum, ma kienx hemm min jaħdem in-nar ta' l-art.

Għalhekk Ġużeppi beda jdur u jfittex fil-kmamar tan-nar ta' Malta biex jordna l-aqwa nar. Fil-fatt fit-30 ta' Lulju 1975 (ftuħ tal-festi) inħaraq logħob tan-nar ta' l-art mis-St. Michael's Fireworks Factory ta' Ħal Lija. Fid-9 ta' Awissu nħaraq nar ta' l-art mill-Għaqda tan-Nar San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Għal nhar il-Ħadd 10 ta' Awissu 1975 kellha issir wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mill-isbaħ maħdum mill-Kamra tan-Nar tal-Każin Unjoni ta' Ħal Luqa.

Iżda sfortunatament din il-wirja ma kellhiex issir. Ġimgħatejn qabel kien seħħ inċident ikrah f'din il-kamra tan-nar. Carmelo Camilleri ta' 54 sena weġġa' gravi u l-logħob tan-nar inqered kollu. L-imsejken Carmelo Camilleri miet minħabba feriti gravi propju nhar id-9 ta' Awissu, lejlet l-Inkurunazzjoni. Niftakar li Ġużeppi kien inkwieta ħafna għat-telfa ta' Carmelo Camilleri li kien ħabib tiegħu.

Bla dubju ta' xejn l-aktar ġurnata għażiża għal Ġużeppi kienet l-10 ta' Awissu 1975, kif qalli bosta drabi. Dakinhar ta' l-Inkurunazzjoni kif kien xieraq kien irrappreżenta lill-poplu Mosti waqt l-iffirmar tal-kuntratt ta' l-Inkurunazzjoni fuq iz-zuntier tar-Rotunda.

Dan il-kuntratt kien ġie mħejji u moqri min-nutar Dr. Francis Micallef. Dan in-nutar li baqa' magħruf bħala n-nutar ta' l-Inkurunazzjoni, ilu jaħdem fil-Mosta mill-1958. Kien ħabib ħafna ma' Ġużeppi Grech u għall-ħabta tas-snin sittin kellu uffiċċju f'numru 237 Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, illum wieħed mill-uffiċċji tal-Paramount Garage.

Ix-xhieda ta' dan il-kuntratt kienu ż-żewġ membri parlamentari Mostin, l-Onor. Ministru s-Sur Freddie Micallef u l-Onor. il-Perit Lawrence Gatt B.Arch., A.& C.E. Dan ġie ffirmat ftit minuti qabel ma saret iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni. Il-mejda li ntużat għall-iffirmar tal-kuntratt kienet propjetà tas-Sur Grech.

### Is-Sur Ġużeppi Grech u l-Kardinal Corrado Ursi

Il-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof ta' Napli, għandu konnessjoni kemm mar-Rotunda u mal-Mosta in ġenerali. L-ewwel darba li ġie l-Mosta kien f'Ottubru 1971 għall-festi speċjali li kienu saru biex jiġi mfakkar l-ewwel ċentinarju mill-konsagrazzjoni tar-Rotunda.

It-tieni darba li ġie kien fl-1975 għall-festi ta' l-Inkurunazzjoni. Il-Kardinal wasal Malta nhar il-Ħamis 14 ta' Awissu fin-12.30 p.m. Ġużeppi kien ġabli permess nidħol bħala fotografu fuq l-apron eżatt fejn l-ajruplan. Malli niżel mill-ajruplan ġie milqugħ mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, mill-Arċipriet Dun Bert Bezzina u mbagħad mis-Sur Ġużeppi Grech. Il-Kardinal għarfu mill-ewwel għax Ġużeppi kien dar bih ħafna l-ewwel darba li kien ġie u għanqu u qallu 'Caro Giuseppe'.



Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Awissu fit-8.30 a.m. il-poplu Mosti ta merħba kbira lill-Kardinal Corrado Ursi u wasslu b'dimostrazzjoni kbira ta' ferħ mill-bidu ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku sar-Rotunda fejn qaddes Pontifikal Solenni. Huwa kien eskortat mill-kavallerija tal-pulizija. Hu kien fuq karozzella miġbuda mill-membri tal-Kumitat Festi Esterni, fosthom is-Sur Ġużeppi Grech. Ġużeppi kien idawwar il-Kardinal Ursi bil-Mercedes tiegħu ħamra bin-numru 12345. Kien ukoll fil-V.I.P. lounge ta' Ħal Luqa meta l-Arċipriet Dun Bert Bezzina ppreżenta dgħajsa Maltija tal-fidda u taljakarti tal-fidda lill-Kardinal bħala tifkira qabel dan ħalla Malta.

### Benefattur kbir Mosti

Is-Sur Ġużeppi Grech kien benefattur kbir Mosti. Huwa ħallas għal diversi opri sbieħ li saru fil-Mosta. Fost dawn insibu ż-żewġ statwi sbieħ li hemm fuq iz-zuntier tar-Rotunda. Dawn huma ta' San Pietru u ta' San Pawl u tqiegħdu f'posthom nhar it-30 ta' Settembru 1974. Dawn inħadmu mill-iskultur Qormi Marco Montebello, li ħadem il-kumplament ta' l-istatwi ta' l-Appostli li jinsabu taħt il-kolonni tar-Rotunda.

Fl-1978 huwa rregala mudell prezzjuż tar-Rotunda lill-parroċċa tal-Mosta. Dan kien ġie maħdum fil-ġebel mill-iskultur Mosti Fabrizio Bartolo bejn is-snin 1921 u 1925. Illum dan jinsab fis-sagristija tar-Rotunda.



Mal-mudell tal-ġebel tar-Rotunda ta' l-iskultur Fabrizio Bartolo

Fl-istess okkażjoni huwa rregala l-bastun u l-kumpass kbir ta' l-injam ta' l-arkitett tar-Rotunda Ġorġ Grognet de Vassè. Grognet kien juża dan il-bastun biex ikejjel. It-tul tiegħu hu ta' nofs qasba preċiża. Hu mmarkat kollu bix-xiber u diversi qisien oħra. Il-kumpass huwa dak li kien juża biex ifassal il-pjanti.

Kull min ikun nieżel min-Naxxar għall-Mosta u jgħaddi minn quddiem il-pjazza tal-kappella ta' San Anton Abbati, ma jistax ma jammirax l-istatwa tassew sabiħa ta' dan il-qaddis li hemm quddiemha. Din ukoll ġiet regalata mis-Sur Ġużeppi Grech u nħadmet mill-iskultur Qormi Tarcisio Montebello (iben il-magħruf Marco Montebello), fl-1997. Din ingħatat fl-okkażjoni tal-50 anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Salv Magro li għandu għal qalbu ħafna din il-kappella. Din il-kappella hija kkurata tajjeb ħafna u miżmuma tajjeb minn Francis Tonna. Din l-istatwa ġiet inawgurata mis-Sindku s-Sur Nazzarenu Vassallo u mbierka mill-W.R. Arċipriet Dun Joe Carabott. Fil-festa ta' din il-kappella f'Jannar 2002 is-Sur Ġużeppi Grech irregala lampier tal-fidda tassew sabiħ lil din l-istess kappella. Dan ġie ddisinjat minn Joe Galea mill-Mosta. Dan Joe ddisinja u pitter diversi bnadar sbieħ u huwa għalliem ta' l-arti. Missieru huwa Michael Galea, wieħed mill-membri tal-Kumitat tal-festi esterni ta' l-Inkurunazzjoni fl-1975. Dan il-lampier inħadem l-Isla minn Vanni Bartolo, iżda li joqgħod Bormla.

Is-Sur Ġużeppi Grech kien membru fil-kumitat taż-żewġ każini tal-banda tal-Mosta fi żminijiet diversi. Fl-1988 huwa ġie maħtur President Onorarju għal għomru tas-Soċjetà Filarmonka Santa Marija.

Is-Sur Ġużeppi Grech kien miżżewweġ lil Carmen neè Xerri u kellhom erbat itfal: Mary, Lina, Victor u Leo.

Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2002.



Ġużeppi jirregala l-kumpass u l-bastun li uża Grognet fil-bini tar-Rotunda lill-Arċipriet Dun Joe Carabott

Huwa kien akkompanjat b'marċi funebri mill-Banda Filarmonika Santa Marija mit-tarf ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku sar-Rotunda. Akkumpanjaw il-Kumitati taż-żewġ baned Mostin, il-Kumitat tal-Banda Victory tan-Naxxar, rappreżentanti mis-Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awissu, u minn diversi għaqdiet Mostin. F'din il-ġurnata ttajru bnadar mezz' asta fuq il-każini kollha Mostin.

Il-prim ċelebrant kien l-Arċipriet Dun Joe Carabott flimkien ma' Mons. Bartolomeo Bezzina u Mons. Philip Calleja u ħamsa u għoxrin saċerdot ieħor. Huwa kien jgħin lil bosta għaqdiet filantropiċi madwar Malta. Qabel ma ndifen fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tal-Mosta, sitt trumpeters mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija daqqew il-'Last Post' taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Busuttil.



L-aħħar tislima quddiem il-Każin Santa Marija

Hajr lis-Sur Victor Grech, iben Guzeppi, in-neputija tiegħu Dr. Graziella Debono Roberts, Dun Salv Magro, Dun Anġ Camilleri, is-Sur J.J. Camilleri, Dr. George Cassar u s-Sur Alfred Magri ta' l-għajnuna li tawni.